MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 337/2008

**Mohamed Abdalla Kablan**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-7 ta' April 2008 li permezz tagħha l-attur ppremetta:

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrent jġib in-numru 335/2007 (Dok. A) li fih jeżistu żbalji fis-sens illi l-isem ta' l-esponent ġie erronjament indikat bħala "Mohammed Abdul Allah Ahmed", mentri dan l-isem kellu jiġi ndikat bħala "Mohamed Abdalla Kablan" u dan *stante* illi sar traduzzjoni ħażina (Dok. B) taċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu ta' Libja (Dok. C);

Illi t-traduzzjoni korretta taċ-ċertifikat maħruġ minn Libja tiġi skond iċ-ċertifikat ta’ l-Ambaxxata Libjana (Dok. D);

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tawtorizza din il-korrezzjoni taċ-ċertifikat Dok. A billi fil-parti taċ-ċertifikat tat-twelid nru 335/2007 li tagħti l-isem ta’ l-esponent u preċizament fil-kolonna intestata ismijiet mogħtijin, “Mohamed Abdul Allah Ahmed Kablan”, jiġi kanċellat u sostitwit bl-isem “Mohamed Abdalla Kablan” u l-kolonna intestata *“isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”* “Mohamed Abdul Allah Ahmed” jiġi kanċellat u sostitwit “Mohamed Abdalla Kablan”.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-26 ta’ Mejju 2008, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet għal ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti pero’ jirrileva li kien ir-rikorrent stess li talab lill-esponent biex jirreġistra ċ-Ċertifikat tat-Twelid irreġistrat fil-Libja u t-traduzzjoni annessa miegħu.

2. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid in kwistjoni mhux attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-intimat li għaldaqstant m’għandux jigi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti *stante* li r-rikorrent kien responsabbli li jivverifika li l-informazzjoni tradotta li ppreżenta lill-esponent kienet korretta.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant l-esponent għandu x'jissottometti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-affidavit ta' l-attur;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2009 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* ta' l-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet ta' l-atti ta' l-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* ta' l-artiklu 254 saret debitament.

Jirriżulta li l-isem komplet ta' l-attur ġie reġistrat f'Malta erronjament u għalhekk it-talba hija ġustifikata. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------